# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025.**

**Numru: 12**

**Rikors numru: 93/2021/1 BS**

**John *sive* Giovanni Corrieri, Mario Corrieri, Maria Grazia mart in-Nutar Pierre Cassar, Angela mart it-Tabib Timothy Camilleri, Robert Spiteri Staines u Stephen Spiteri Staines**

**v.**

**Joseph Borg**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-konvenut Joseph Borg kontra digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) nhar id-29 ta' Jannar, 2025, fejn din ċaħdet it-talba tiegħu biex huwa jitħalla jressaq lil Mary Portelli, George Spiteri u Marianna Formosa bħala xhieda f'din il-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fl-20 ta' Ottubru, 2021, l-atturi fissru li permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 444/20 il-konvenut Joseph Borg ippretenda li għandu xi jeddijiet fuq biċċa art f'Kerċem, Għawdex, magħrufa bħala "Ta' Xewkia" u kif ukoll fuq l-isqaq li jinsab quddiemha. Sostnew li din il-pretensjoni tal-konvenut hija għalkollox fiergħa u vessatorja, kemm għaliex huma għandhom titlu fuq din l-art permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni magħmul fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci fl-14 ta' Mejju, 1940, u sew għaliex fil-kuntratt tal-31 ta' Marzu, 1936, li fuqu l-konvenut qiegħed isejjes it-titlu tiegħu, ma kienu ġew trasferiti ebda jeddijiet ta' proprjetà dwar l-isqaq fuq imsemmi.

3. L-atturi tennew jgħidu li huma għandhom interess li jeħilsu mill-pretensjoni mingħajr sies tal-konvenut skont l-**Artikolu 403 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, minħabba li din l-allegazzjoni qiegħda xxekkilhom milli jiżviluppaw jew jittrasferixxu l-proprjetà msemmija.

4. Billi l-konvenut baqa' ma rtirax din il-pretensjoni tiegħu, anke wara li huwa ġie msejjaħ biex jagħmel dan b'ittra uffiċjali bin-numru 530/2020, mibgħuta lilu fit-3 ta' Diċembru, 2020, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni

Ġenerali) sabiex:

*«1. Tipprefiġġi, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 403 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, żmien qasir u perentorju ta' mhux aktar minn tliet (3) xhur, li matulu l-konvenut għandu jġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjonijiet kollha msemmija minnu fl-ittra ġudizzjarja tiegħu numru 444/2020 tas-26 ta' Ottubru, 2020;*

*2. F'każ illi l-konvenut jonqos milli, f'dak iż-żmien qasir u perentorju hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, iġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjonijiet kollha msemmija minnu fl-ittra ġudizzjarja tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2020, tordna u tikkundanna lill-istess konvenut għas-silenzju perpetwu, ossija għas-skiet għal dejjem, u konsegwentement timpedixxi lill-istess konvenut milli jaġixxi qatt iżjed dwar tali pretensjonijiet.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 530/2020, li minn issa huwa nġunt in subizzjoni, u b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti għad-danni sofferti a kawża tal-pretensjonijiet inkwistjoni.»*

5. Il-konvenut wieġeb għar-rikors tal-atturi fis-27 ta' Jannar, 2022, u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi fl-ewwel lok jiġi ppreċiżat illi l-esponenti fl-ebda mument ma interpella ġudizzjarjament lill-atturi Mario Corrieri, Maria Grazia Cassar, Angela Camilleri, Robert Spiteri Staines u Stephen Spiteri Staines u dan kif jidher ċar mill-Ittra Uffiċjali Nru. 444/2020. Illi konsegwentement għalhekk din l-azzjoni ma setgħet qatt tiġi promossa mill-imsemmija atturi peress li hija nieqsa mill-elementi kostituttivi ta' din l-istess azzjoni ai termini tal-Artikolu 403 tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi fit-tieni lok, l-Ittra Uffiċjali Nru. 444/2020 ġiet ippreżentata in konnessjoni mal-applikazzjoni sottomessa mal-Awtorità tal-Ippjanar Nru. PA/4941/20 u mhux għaliex il-mittenti qiegħed jippretendi li għandu xi jedd fuq il-proprjetà tal-atturi;*

*3. Illi l-elementi neċessarji ai termini tal-Artikolu 403 tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta huma għalkollox mankanti stante li l-esponenti ma pprentendiex jeddijiet fuq il-proprjetà tal-atturi iżda afferma li l-isqaq inkwistjoni huwa proprjetà tiegħu. Dan l-istess sqaq mhux qed jiġi pretiż li huwa proprjetà tal-atturi u għalhekk rekwiżit neċessarju tal-jattanza huwa nieqes;*

*4. Illi barra minn hekk u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma improponibbli ai terimini tal-Artikolu 405 tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-jeddijiet huma inċerti u jiddependu minn fatti li*

*jistgħu jiġru u ma jiġrux;*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatti u fid-dritt.»*

6. Flimkien mat-tweġiba maħlufa tiegħu, il-konvenut ressaq din il-lista ta' xhieda:

*«1. Il-konvenut għall-konferma tal-fatti kif ġraw;*
*2. L-atturi sabiex jixhdu u anke in subizzjoni;*
*3. Ix-xhieda kollha elenkati mill-attur li għal kull buon fini l-konvenut qiegħed għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi jagħmilhom tiegħu;*
*4. Rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar, Rappreżentant/i tal-Awtorità tal-Artijiet, Rappreżentant tar-Reġistru Pubbliku, Rappreżentant tar-Reġistru tal-Artijiet, Kummissarju tal-Pulizija, Rappreżentant tal-Kunsill Lokali ta' Kerċem, Sindki tal-lokalità ta' Kerċem, persuni li għandhom il-proprjetà fl-inħawi, Kappillan tal-Parroċċa ta' Kerċem, familjari tal-partijiet inkluż kuġini tal-konvenut, Perit Cornelia Tabone, ilkoll biex jixhdu dwar il-fatti tal-kawża;*
*5. Xhieda oħra li isimihom mhux magħruf qed jiġu minn issa riżervati;*
*6. Xhieda oħra permissibbli skont il-Liġi qegħdin jiġu minn issa riżervati.»*

7. Fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2024, l-avukat tal-konvenut Joseph Borg iddikjara li fis-seduta ta' wara, dan kien sejjer jagħlaq il-provi tiegħu. Għalhekk, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ħalliet il-kawża għall-għeluq tal-provi tal-konvenut u għall-kontroeżamijiet għas-7 ta' Frar, 2025.

8. Ġara iżda, li b'rikors tal-14 ta' Jannar, 2025, il-konvenut Joseph Borg talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) sabiex tħallih iressaq lil Mary Portelli, George Spiteri u Marianna Formosa bħala xhieda tiegħu fil-kawża. Huwa saħaq li x-xhieda ta' dawn it-tliet persuni hija importanti u tista' titfa' dawl fuq it-tilwima li nibtet bejn il-partijiet minħabba li dawn għamlu xi żmien jgħixu fl-isqaq mertu tal-kawża u kienu ta' kuljum ikunu

fl-inħawi tiegħu.

9. Bi tweġiba mressqa fl-24 ta' Jannar, 2025, l-atturi opponew għal dan ir-rikors tal-konvenut u fissru l-għaliex dan għandu jiġi miċħud.

10. Ir-rikors imressaq mill-konvenut fl-14 ta' Jannar, 2025 ġie miċħud b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29 ta' Jannar, 2025.

11. Aktar tard, fil-5 ta' Frar, 2025, il-konvenut talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tagħtih permess biex jappella minn dan id-digriet skont l-**Artikolu 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan il-permess ingħata mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) b'digriet mogħti waqt is-seduta tas-26 ta' Frar, 2025.

12. Kien għalhekk li fl-4 ta' Marzu, 2025, il-konvenut Joseph Borg appella mid-digriet tad-29 ta' Jannar, 2025. Fl-appell tiegħu huwa ilmenta li l-atturi ma kinux siewja meta oġġezzjonaw għat-talba tiegħu biex iressaq lil Mary Portelli, George Spiteri u Marianna Formosa bħala xhieda f'din il-kawża billi xlewh li huwa qiegħed jipprova jbiddel in-natura ta' din il-kawża u jdawwarha f'waħda dwar prova ta' titlu. Isostni li wara kollox, kienu l-atturi stess li ressqu kwantità ġmiela ta' provi dwar it-titlu li qegħdin jgħidu li għandhom u marru lil hemm mill-elementi tal-azzjoni ta' jattanza.

Għalhekk, fil-fehma tiegħu, bit-tressiq ta' dawn it-tliet persuni bħala xhieda huwa ma qiegħed jagħmel xejn għajr li jressaq dawk il-provi kollha li huma bżonnjużi u rilevanti sabiex jilqa' għall-azzjoni mressqa mill-atturi u jikkonvinċi lill-Qorti li f'dan il-każ ma jeżistux l-elementi meħtieġa biex tintlaqa' l-azzjoni ta' jattanza.

13. Il-konvenut żied jgħid li fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti tista' tippermetti l-produzzjoni ta' xhud mhux dikjarat meta dan jista' jkun utli għall-għanijiet tal-kawża. Tenna li kieku mhux hekk, il-ġustizzja tispiċċa tinħanaq b'formaliżmu eċċessiv, regoli u ritwali ta' proċedura. Huwa saħaq illi ladarba l-atturi ma qagħdux lura milli jelaboraw dwar il-modalità li biha kienu jaċċedu għall-proprjetà inkwistjoni, issa jmiss lilu li jressaq xhieda dwar dan. Għalaq billi fisser li dawn it-tliet xhieda jistgħu jitfgħu dawl fuq il-mertu ta' din il-kawża – opportunità li jaf ma terġax tiġi għaliex dawn ix-xhieda huma lkoll mimlijin bl-għomor.

14. L-atturi wieġbu għall-appell tal-konvenut fis-17 ta' Marzu, 2025 u hemm taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn jemmnu li dan l-appell għandu jiġi miċħud. B'żieda ma' dan, huma saħqu li l-konvenut għandu jeħel is-sanzjoni misjuba fl-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minħabba li fil-fehma tagħhom l-appell tiegħu huwa fieragħ u vessatorju.

15. Inżamm smigħ fis-26 ta' Ġunju, 2025 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. L-aggravju waħdieni tal-konvenut huwa dwar id-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fid-29 ta' Jannar, 2025, fejn din ċaħditlu t-talba tiegħu biex iressaq lil Mary Portelli, George Spiteri u Marianna Formosa bħala xhieda tiegħu f'din il-kawża. Għalkemm l-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba hija ħalliet lil kulħadd fl-għama dwar x'kienu r-raġunijiet li wassluha biex tiddeċiedi b'dak il-mod għaliex id-digriet tad-29 ta' Jannar, 2025 huwa nieqes minn kull motivazzjoni. M'hemmx għalfejn jingħad li dan mhuwiex mod xieraq ta' kif jingħataw id-deċiżjonijiet, għaliex f'qagħda bħal din il-Qorti ma tistax tgħid jekk l-Ewwel Qorti użatx sew id-diskrezzjoni tagħha meta ċaħdet din it-talba tal-konvenut (ara ***Road Construction Co Ltd v. Salvu Mintoff & Sons Limited et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022 u ***Carmen Grixti v. Avukat tal-Istat et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' April, 2025). Iżda billi l-konvenut ma ressaq ebda aggravju f'dan is-sens, din il-Qorti mhijiex sejra tidħol fil-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' motivazzjoni fid-digriet, iżda sejra tgħaddi minnufih biex tqis jekk għandhiex tintlaqa' t-talba tal-konvenut biex huwa jitħalla jressaq lit-tliet persuni msemmija bħala xhieda.

17. Issa huwa ovvju li l-eżitu ta' kawża jiddependi mill-provi li jressqu l-

partijiet. Fil-każ tal-konvenut, dan huwa meħtieġ li jinkludi l-ismijiet tax-xhieda li jkun beħsiebu jressaq matul is-smigħ tal-kawża fit-tweġiba maħlufa tiegħu. Kemm hu hekk, l-**Artikolu 158(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi li:

> *«Ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda risposta ġuramentata li magħha ma jkunx hemm dak li huwa elenkat fis-subartikolu (3), u l-qorti ma għandha tħalli jinġieb ebda xhud li ismu ma jkunx ingħata f'dik id-dikjarazzjoni. Meta l-ħtieġa għall-produzzjoni ta' xhud tinqala' wara li tkun ġiet preżentata d-dikjarazzjoni, jew meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha bil-mod kif jingħad fl-artikolu 150(1)(ċ), jew jekk il-qorti tqis li jkun fl-interess tal-ġustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari, il-qorti tista' tħalli lil dak ix-xhud jinstema.»*

18. Issa fil-każ tagħna, l-ismijiet tat-tliet persuni li l-konvenut irid iressaq bħala xhieda tiegħu f'din il-kawża ma ġewx imniżżla fil-lista tax- xhieda li hemm mehmuża mat-tweġiba maħlufa tiegħu. B'żieda ma' dan, dawn it-tliet persuni, li skont l-attur ilkoll għamlu xi żmien jgħixu fl-isqaq mertu tal-kawża, lanqas jaqgħu taħt il-gruppi ta' nies li hemm imsemmija fil-lista tax-xhieda bħalma huma l-familjari tal-konvenut jew persuni li għandhom proprjetà fl-inħawi tal-isqaq.

19. Għalhekk, l-ewwel ħaġa li jeħtiġilha tistħarreġ din il-Qorti hija jekk il-ħtieġa għal dawn ix-xhieda nqalgħetx wara li l-konvenut ippreżenta t-tweġiba maħlufa tiegħu. Min-naħa tiegħu, il-konvenut f'ebda waqt ma wera kif din il-ħtieġa nqalgħet wara li ngħalqu l-proċeduri bil-miktub, la fir-rikors tiegħu tal-14 ta' Jannar, 2025 u lanqas fir-rikors tal-appell. Kemm hu hekk, il-Qorti fliet l-atti tal-kawża u ma jidhrilhiex li l-ħtieġa għat-tressiq

tax-xhieda li tagħhom il-konvenut qiegħed jitlob li tinstema' l-verżjoni nqalgħet wara li huwa ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu. Anzi, l-atti jindikaw sewwasew bil-maqlub għaliex dawn it-tliet persuni ma ssemmewx minn persuni oħra li xehdu waqt il-kawża jew li ħejjew affidavit u ressquh fl-atti tal-kawża. Minn dan isegwi li meta l-konvenut ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu, huwa kien f'qagħda li mhux biss ikun jaf bl-eżistenza ta' dawn it-tliet xhieda iżda wkoll li japprezza l-ħtieġa li jipproduċihom. Bla dubju ta' xejn, ladarba l-konvenut kien jaf bl-eżistenza ta' dawn ix-xhieda qabel ippreżenta t-tweġiba maħlufa tiegħu, huwa kien fid-dmir li jindikahom fil-lista tax-xhieda tiegħu (ara ***Emmanuel Zammit v. Paul Borg Barthet nomine*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2000). Dan il-konvenut m'għamlux u b'hekk huwa ma jistax jippretendi li l-Qorti ssewwilu l-iżball tiegħu.

20. Minħabba li l-atturi qegħdin joġġezzjonaw għall-produzzjoni ta' dawn it-tliet xhieda jibqa' biss li jiġi deċiż jekk huwiex fl-interess tal-ġustizzja li jinstemgħu dawn ix-xhieda. Din il-Qorti ma fehmitx il-ħtieġa li jitressqu dawn ix-xhieda f'din il-kawża ta' jattanza. Għalkemm il-konvenut isostni li huwa importanti ferm li dawn ix-xhieda jinstemgħu sabiex huwa jkun f'qagħda li jilqa' għall-azzjoni tal-atturi, huwa ma fissirx kif ix-xhieda tagħhom sejra jew tista' xxejjen xi wieħed mill-elementi tal-azzjoni ta' jattanza li tressqet mill-atturi. Wara kollox, il-provi li għandhom jitressqu f'kawża bħal din għandhom ikunu marbuta biss mal-elementi li jsawruha,

jiġifieri: (i) li l-attur irid ikollu pussess, almenu *de facto* u *prima facie* tal-oġġett li jkun qiegħed jikkawtela; (ii) li l-konvenut ikun bil-miktub ressaq pretensjoni fuq l-oġġett; (iii) li l-pretensjoni trid tkun spontanja u mhux provokata bl-imġiba tal-attur; (iv) li l-pretensjoni tkun tista' tiġi eżerċitata b'azzjoni ġudizzjarja; (v) li l-millantazzjoni jkollha għan determinabbli, speċifiku jew kapaċi li jiġi speċifikat; u (vi) li l-pretensjoni m'għandhiex tkun kundizzjonata jew tiddependi minn fatt li jista' jiġri u ma jiġrix (ara ***Mario Pickard v. Grace Anderson*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru, 2011 u ***Paul sive Lino Agius v. Joseph Meilaq et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2014).

21. Mandakollu, sew fir-rikors tal-14 ta' Jannar, 2025 u sew fir-rikors tal-appell, il-konvenut naqas milli jispjega kif ix-xhieda ta' dawn it-tliet persuni sejra tolqot jew titfa' dawl fuq xi wieħed mill-elementi tal-azzjoni ta' jattanza. Minbarra dan, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li din il-kawża mhijiex sejra tiddeċiedi l-mertu tat-tilwima li nibtet bejn il-partijiet għaliex dak l-eżerċizzju jsir biss jekk kemm-il darba l-Qorti tordna lill-konvenut iressaq il-pretensjonijiet tiegħu permezz ta' kawża (ara ***Catherine Grech v. Antonella Calleja*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju, 2016 u ***Euro Industries Limited et v. Christopher Testaferrata Moroni Viani et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2016). Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut mhuwiex sejjer jiġi ppreġudikat jekk huwa ma jitħalliex iressaq dawn ix-xhieda f'din

il-kawża għaliex huwa sejjer ikollu ċ-ċans li jipproduċihom f'kawża dwar il-mertu, f'każ li din tinfetaħ. Il-Qorti tagħraf li fir-rikors tal-appell tiegħu l-konvenut ta x'jifhem li dawn it-tliet xhieda huma anzjani, iżda fl-aħħar mill-aħħar huwa ma ressaq ebda prova tal-età tagħhom jew saħansitra li dawn jinsabu f'xifer il-mewt. B'hekk, din il-Qorti ma ssib ebda raġuni tajba għalfejn dawn għandhom jistemgħu f'din il-kawża u mhux f'kawża dwar il-mertu tat-tilwima.

22. Fuq kollox, sa fejn l-**Artikolu 158(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jitkellem dwar il-possibbiltà ta' ammissjoni ta' xhud mhux dikjarat jekk il-Qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-ġustizzja li tisimgħu, dan għandu dejjem jinftiehem u jiġi interpretat fl-ambitu tar-regola li tgħid li kull xhud għandu jiġi dikjarat minn qabel u mhux wara li jibdew il-proċeduri (ara ***Cutalex Touris Companu Limited v. Pamela Rose Wathen pro et nomine*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2003). Kif rajna aktar 'il fuq, il-konvenut fl-ebda waqt ma pprova jiġġustifika għalfejn huwa ħass il-bżonn li jressaq xhieda li huwa ma ddikjarax fit-tweġiba maħlufa tiegħu. Jiġi b'hekk, li ma jistax jingħad li x-xhieda ta' dawn il-persuni hija meħtieġa fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

23. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, l-appell tal-konvenut qiegħed jiġi miċħud.

24. Jifdal biss li tiġi mistħarrġa s-sottomissjoni tal-atturi li l-konvenut għandu jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn, skont ma jgħid l-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, minħabba li l-appell tiegħu huwa fieragħ u vessatorju. Qabelxejn, tajjeb li jingħad li f'dan il-każ is-sanzjoni msemmija ma tistax tingħata skont l-**Artikolu 223(4)**, hawn fuq imsemmi, iżda jekk xejn skont l-**Artikolu 229(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minħabba li l-appell tal-konvenut huwa wieħed minn digriet interlokutorju li sar bil-permess tal-Ewwel Qorti skont l-**Artikolu 229(3)** tal-istess **Kodiċi**.

25. Lil hemm minn dan, mandankollu, il-Qorti ma tħossx li għandha tilqa' din is-sottomissjoni. Tabilħaqq, din il-Qorti ma tistax tgħid li l-appell tal-konvenut huwa fieragħ jew vessatorju għaliex kien in-nuqqas tal-Ewwel Qorti li timmotiva d-deċiżjoni tagħha li ħallieh fi stat ta' inċertezza, fejn huwa ma setax ikun jaf x'kienu r-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiċħadlu t-talba tiegħu. Għalhekk, ġaladarba l-konvenut tpoġġa f'qagħda fejn ma setax jieħu deċiżjoni għaqlija dwar jekk kellux jappella jew le, il-Qorti ma tistax tgħid li l-appell tiegħu tressaq għal xejn b'xejn jew biex jagħti fastidju lill-atturi.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda <u>**tiċħad**</u> l-appell tal-konvenut Joseph Borg, bl-ispejjeż kollha kontrih.

Fl-aħħar nett, il-Qorti **tordna** lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat minnufih l-atti tal-kawża lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) bil-għan li jissokta s-smigħ ta' din il-kawża quddiemha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss